Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2023/0177(COD)

6.10.2023

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasparenza u l-integrità tal-attivitajiet ta' klassifikazzjoni Ambjentali, Soċjali u ta' Governanza (ESG)
(COM(2023)0314 – C9-0203/2023 – 2023/0177(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Aurore Lalucq

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 54

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasparenza u l-integrità tal-attivitajiet ta' klassifikazzjoni Ambjentali, Soċjali u ta' Governanza (ESG)
(COM(2023)0314 – C9-0203/2023 – 2023/0177(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0314),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0203/2023),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-4 ta' Ottubru 2023[1],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta' …[2],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0000/2023),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

[1] Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.
[2] Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Barra minn hekk, il-Prinċipji għall-Investiment Responsabbli tan-NU għandhom iktar minn 3 000 firmatarju li jirrappreżentaw iktar minn EUR 100 triljun ta' assi mmaniġġjati. Dan iġorr miegħu r-riskju ta' bejgħ inadatt u ta' greenwashing jekk id-data ESG ma tkun soġġetta għal ebda standard jew armonizzazzjoni. Għalhekk informazzjoni ESG preċiża u affidabbli hija kruċjali.

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) It-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli hija kruċjali biex tiġi żgurata ***l-kompetittività fit-tul tal-ekonomija tal-Unjoni***. Is-sostenibbiltà ilha għal żmien twil fil-qalba tal-proġett tal-Unjoni u t-Trattati tal-Unjoni jagħtu rikonoxximent lid-dimensjonijiet soċjali u ambjentali tagħha.	(2) It-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli hija kruċjali biex tiġi żgurata ***l-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini fl-Unjoni u biex it-tisħin globali jinżamm sew taħt il-limitu ta' 1,5 grad Celsius***. Is-sostenibbiltà ilha għal żmien twil fil-qalba tal-proġett tal-Unjoni u t-Trattati tal-Unjoni jagħtu rikonoxximent lid-dimensjonijiet soċjali u ambjentali tagħha.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-ilħuq tal-SDGs fl-Unjoni jirrikjedi d-direzzjonar tal-flussi tal-kapital	(3) L-ilħuq tal-SDGs fl-Unjoni jirrikjedi d-direzzjonar tal-flussi tal-kapital

lejn investimenti sostenibbli. Huwa importanti li jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tas-suq intern għall-ilħuq ta' dawk l-għanijiet. F'dak il-kuntest, huwa kruċjali li jitneħħew l-ostakli għall-moviment effiċjenti tal-kapital lejn investimenti sostenibbli fis-suq intern ***u*** li jiġi evitat li jitfaċċaw ostakli bħal dawn.	lejn investimenti sostenibbli. Huwa importanti li jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tas-suq intern għall-ilħuq ta' dawk l-għanijiet. F'dak il-kuntest, huwa kruċjali li jitneħħew l-ostakli għall-moviment effiċjenti tal-kapital lejn investimenti sostenibbli fis-suq intern***,*** li jiġi evitat li jitfaċċaw ostakli bħal dawn ***u li jiġu stabbiliti regoli u standards biex, minn naħa waħda, jingħata inċentiv għall-finanzi sostenibbli u, min-naħa l-oħra, jiġi evitat li jingħata inċentiv għal investimenti li jistgħu jkollhom impatt negattiv fuq l-ilħuq tal-SDGs***.
	Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni, il-Kummissjoni kkummissjonat studju intitolat "Studju dwar il-Klassifikazzjonijiet, id-Data u r-Riċerka Relatati mas-Sostenibbiltà"[23] biex tqis l-iżviluppi fis-suq tal-prodotti u tas-servizzi relatati mas-sostenibbiltà, tidentifika l-parteċipanti ewlenin fis-suq u tenfasizza n-nuqqasijiet potenzjali. Dak l-istudju pprovda inventarju u klassifikazzjoni tal-atturi tas-suq, il-prodotti u s-servizzi ta' sostenibbiltà disponibbli fis-suq u analiżi tal-użu u tal-kwalità perċepita tal-prodotti u s-servizzi relatati mas-sostenibbiltà mill-parteċipanti fis-suq. L-istudju enfasizza ***n-nuqqas*** ta' trasparenza u akkuratezza tal-metodoloġiji tal-klassifikazzjonijiet Ambjentali, Soċjali u ta' Governanza ("ESG") u n-nuqqas ta' ċarezza fuq l-operazzjonijiet tal-forniturи ta' klassifikazzjonijiet ESG.	(6) Bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni, il-Kummissjoni kkummissjonat studju intitolat "Studju dwar il-Klassifikazzjonijiet, id-Data u r-Riċerka Relatati mas-Sostenibbiltà"[23] biex tqis l-iżviluppi fis-suq tal-prodotti u tas-servizzi relatati mas-sostenibbiltà, tidentifika l-parteċipanti ewlenin fis-suq u tenfasizza n-nuqqasijiet potenzjali. Dak l-istudju pprovda inventarju u klassifikazzjoni tal-atturi tas-suq, il-prodotti u s-servizzi ta' sostenibbiltà disponibbli fis-suq u analiżi tal-użu u tal-kwalità perċepita tal-prodotti u s-servizzi relatati mas-sostenibbiltà mill-parteċipanti fis-suq. L-istudju enfasizza ***l-eżistenza ta' kunflitti ta' interess, in-nuqqas*** ta' trasparenza u akkuratezza tal-metodoloġiji tal-klassifikazzjonijiet Ambjentali, Soċjali u ta' Governanza ("ESG") u n-nuqqas ta' ċarezza fuq ***it-terminoloġija u*** l-operazzjonijiet tal-forniturи ta' klassifikazzjonijiet ESG.

[23] Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Istabbiltà Finanzjarja, is-Servizzi Finanzjarji u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali, Studju dwar il-klassifikazzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà, id-data u r-riċerka, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021, https://data.europa.eu/doi/10.2874/14850.

[23] Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Istabbiltà Finanzjarja, is-Servizzi Finanzjarji u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali, Studju dwar il-klassifikazzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà, id-data u r-riċerka, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021, https://data.europa.eu/doi/10.2874/14850.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) Ir-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a], ir-Regolament(UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1b] u d-Direttiva (UE) 2022/2464 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1c] jirrappreżentaw inizjattivi leġiżlattivi sinifikanti biex jitjiebu d-disponibbiltà, il-kwalità u l-konsistenza tar-rekwiżiti ESG tul il-katina tal-valur sħiħa ta' parteċipanti fis-suq finanzjarju. B'riżultat ta' dawk l-inizjattivi pubbliċi, hemm inqas u inqas lakuni fid-disponibbiltà u l-komparabbiltà tad-data. Għalhekk jenħtieġ li l-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG jagħmlu użu minn dik id-data.
	[1a] Ir-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar divulgazzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà fis-settur tas-servizzi finanzjarji (ĠU L 317, 9.12.2019, p. 1).
	[1b] Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta'

qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

[1c] ***Id-Direttiva (UE) 2022/2464 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li temenda r-Regolament (UE) Nru 537/2014, id-Direttiva 2004/109/KE, id-Direttiva 2006/43/KE u d-Direttiva 2013/34/UE, fir-rigward tar-rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà (ĠU L 322, 16.12.2022, p. 15).***

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-klassifikazzjonijiet ESG ***għandhom*** rwol importanti fis-swieq kapitali globali***, minħabba li l-investituri, il-mutwatarji u l-emittenti qed jużaw dejjem aktar dawk il-klassifikazzjonijiet ESG bħala parti mit-teħid ta' deċiżjonijiet infurmati u*** sostenibbli ***dwar l-investiment u l-finanzjament***. L-istituzzjonijiet ta' kreditu, id-ditti tal-investiment, l-impriżi tal-assigurazzjoni, l-impriżi tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja u l-impriżi tar-riassigurazzjoni, fost l-oħrajn, ta' spiss jużaw dawk il-klassifikazzjonijiet ESG bħala referenza għall-prestazzjoni tas-sostenibbiltà jew għar-riskji u l-opportunitajiet tas-sostenibbiltà fl-attività tal-investiment tagħhom. Konsegwentement, il-klassifikazzjonijiet ESG għandhom impatt sinifikanti fuq l-operat tas-swieq u fuq il-fiduċja u l-kunfidenza tal-investituri u l-konsumaturi. Sabiex jiġi żgurat li l-klassifikazzjonijiet ESG użati fl-Unjoni jkunu indipendenti,	(10) Il-klassifikazzjonijiet ESG ***jistgħu jkollhom*** rwol importanti fis-swieq kapitali globali ***fl-offerta ta' rabta nieqsa bejn id-domanda għal investimenti*** sostenibbli ***u l-provvista tagħhom***. L-istituzzjonijiet ta' kreditu, id-ditti tal-investiment, l-impriżi tal-assigurazzjoni, l-impriżi tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja u l-impriżi tar-riassigurazzjoni, fost l-oħrajn, ta' spiss jużaw dawk il-klassifikazzjonijiet ESG bħala referenza għall-prestazzjoni tas-sostenibbiltà jew għar-riskji u l-opportunitajiet tas-sostenibbiltà fl-attività tal-investiment tagħhom. Konsegwentement, il-klassifikazzjonijiet ESG għandhom impatt sinifikanti fuq l-operat tas-swieq u fuq il-fiduċja u l-kunfidenza tal-investituri u l-konsumaturi. Sabiex jiġi żgurat li l-klassifikazzjonijiet ESG użati fl-Unjoni jkunu indipendenti, oġġettivi u ta' kwalità adegwata, huwa importanti li l-attivitajiet ta' klassifikazzjoni ESG jitwettqu

oġġettivi u ta' kwalità adegwata, huwa importanti li l-attivitajiet ta' klassifikazzjoni ESG jitwettqu f'konformità mal-prinċipji ta' integrità, trasparenza, responsabbiltà u governanza tajba. Komparabbiltà aħjar u affidabbiltà akbar tal-klassifikazzjonijiet ESG itejbu l-effiċjenza ta' dak is-suq li qed jikber malajr, u b'hekk jiffaċilitaw il-progress lejn l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku.	f'konformità mal-prinċipji ta' integrità, trasparenza, responsabbiltà u governanza tajba ***kif ukoll mal-kunċetti fundamentali tad-dritt tal-Unjoni***. Komparabbiltà aħjar u affidabbiltà akbar tal-klassifikazzjonijiet ESG itejbu l-effiċjenza ta' dak is-suq li qed jikber malajr, u b'hekk jiffaċilitaw il-progress lejn l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku.
	Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Biex jiġi vvalutat il-profil ESG tal-kumpaniji, u bħala parti mill-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-investimenti u l-finanzjament sostenibbli, l-istituzzjonijiet ta' kreditu, id-ditti tal-investiment, l-impriżi tal-assigurazzjoni, l-impriżi tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja u l-impriżi tar-riassigurazzjoni, fost l-oħrajn, jiddependu kemm fuq klassifikazzjonijiet ESG esterni kif ukoll fuq prodotti tad-data ESG esterni. L-istituzzjonijiet finanzjarji jenħtieġ li jkunu responsabbli fil-każ ta' akkużi ta' greenwashing li jikkonċernaw il-prodotti finanzjarji tagħhom, filwaqt li d-distribuzzjoni ta' informazzjoni ESG dwar entitajiet jew prodotti finanzjarji, li tiddependi fuq metodoloġija proprjetarja jew stabbilita, li tinkludi, fost l-oħrajn, settijiet ta' data dwar l-emissjonijiet u data dwar kontroversji, jenħtieġ li ma jkunux koperti minn dan ir-Regolament. Huwa importanti li l-Kummissjoni twettaq rieżami ta' dan ir-Regolament biex tivvaluta jekk il-kamp ta' applikazzjoni identifikat huwiex biżżejjed biex jiżgura l-kunfidenza tal-investituri u l-konsumaturi fil-prestazzjoni tas-sostenibbiltà ta'

	prodotti u servizzi finanzjarji u, fejn meħtieġ, jipprevedi t-tkabbir tas-sett ta' prodotti tad-data ESG u tal-forniturі ta' prodotti tad-data ESG koperti minn dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Il-klassifikazzjonijiet ESG għandhom rwol abilitanti għall-funzjonament xieraq tas-suq tal-finanzi sostenibbli tal-Unjoni billi jipprovdu informazzjoni importanti għall-istrateġiji ta' investiment, il-ġestjoni tar-riskju u l-obbligi ta' divulgazzjoni minn investituri u istituzzjonijiet finanzjarji. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-klassifikazzjonijiet ESG jipprovdu informazzjoni materjali utli għad-deċiżjonijiet lill-utenti, u li l-utenti tal-klassifikazzjonijiet ESG jifhmu aħjar l-objettivi li jfittxu li jilħqu l-klassifikazzjonijiet ESG u xi kwistjonijiet u metriċi speċifiċi jkejlu dawk il-klassifikazzjonijiet.	***imħassar***

Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Jenħtieġ li r-regoli dwar il-forniturі ta' klassifikazzjonijiet ESG ma japplikawx għal klassifikazzjonijiet ESG privati	(15) Jenħtieġ li r-regoli dwar il-forniturі ta' klassifikazzjonijiet ESG ma japplikawx għal klassifikazzjonijiet ESG privati

prodotti skont ordni individwali u pprovduti esklussivament lill-persuna li tkun għamlet l-ordni u li ma humiex maħsuba għal divulgazzjoni jew distribuzzjoni pubblika b'abbonament jew b'mezzi oħrajn. Lanqas ma jenħtieġ li dawn ir-regoli japplikaw għall-klassifikazzjonijiet ESG prodotti minn impriżi finanzjarji Ewropej li jintużaw għal skopijiet interni. Jenħtieġ li l-klassifikazzjonijiet ESG żviluppati mill-awtoritajiet Ewropej jew nazzjonali u mill-banek ċentrali jiġu eżentati wkoll minn tali regoli. Fl-aħħar nett, jenħtieġ li tali regoli ma japplikawx għall-forniment ta' data ESG li ma tinkludix element ta' klassifikazzjoni jew punteġġ u ma humiex soġġetti għal immudellar jew analiżi li jirriżultaw fl-iżvilupp ta' klassifikazzjoni ESG.	prodotti skont ordni individwali u pprovduti esklussivament lill-persuna li tkun għamlet l-ordni u li ma humiex maħsuba għal divulgazzjoni jew distribuzzjoni pubblika b'abbonament jew b'mezzi oħrajn. Lanqas ma jenħtieġ li dawn ir-regoli japplikaw għall-klassifikazzjonijiet ESG prodotti minn impriżi finanzjarji Ewropej li jintużaw għal skopijiet interni. Jenħtieġ li l-klassifikazzjonijiet ESG żviluppati mill-awtoritajiet Ewropej jew nazzjonali u mill-banek ċentrali jiġu eżentati wkoll minn tali regoli. ***Barra minn hekk, jenħtieġ li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mingħajr skop ta' qligħ li joffru servizzi mingħajr ħlas simili għall-klassifikazzjoni jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.*** Fl-aħħar nett, jenħtieġ li tali regoli ma japplikawx għall-forniment ta' data ESG li ma tinkludix element ta' klassifikazzjoni jew punteġġ u ma humiex soġġetti għal immudellar jew analiżi li jirriżultaw fl-iżvilupp ta' klassifikazzjoni ESG.
	Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Huwa importanti li jiġu stabbiliti regoli li jiżguraw li l-klassifikazzjonijiet ESG ipprovduti mill-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG awtorizzati fl-Unjoni jkunu ta' kwalità adegwata, ikunu soġġetti għal rekwiżiti xierqa u jiżguraw l-integrità tas-suq. Dawk ir-regoli jkunu japplikaw għall-klassifikazzjonijiet ESG ġenerali ***li jkopru fatturi Ambjentali, Soċjali u ta' Governanza, u għal klassifikazzjonijiet li qed iħarsu biss lejn fattur*** Ambjentali, Soċjali jew ta'	(16) Huwa importanti li jiġu stabbiliti regoli li jiżguraw li l-klassifikazzjonijiet ESG ipprovduti mill-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG awtorizzati fl-Unjoni jkunu ta' kwalità adegwata, ikunu soġġetti għal rekwiżiti xierqa u jiżguraw l-integrità tas-suq. Dawk ir-regoli jkunu japplikaw għall-klassifikazzjonijiet ESG ġenerali ***li jikkunsidraw fatturi*** Ambjentali, Soċjali jew ta' Governanza jew subkomponent ta' ***dawk il-fatturi***. ***L-għoti tal-klassifikazzjonijiet ESG fil-***

Governanza ***uniku*** jew subkomponent ta' ***dak il-fattur***.	***forma ta' metrika unika li taggrega l-fatturi Ambjentali, Soċjali jew ta' Governanza huwa ta' detriment għall-affidabbiltà u l-komparabbiltà tal-klassifikazzjonijiet u jenħtieġ li ma jkunx permess.***

Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) Il-kompetizzjoni fost il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG u ambjent li fih il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG ikunu jistgħu jidħlu fis-suq huma kruċjali billi l-konsolidazzjoni tista' toħloq prezzijiet ogħla, ostakli għad-dħul, inqas kompetizzjoni, tnaqqis fl-innovazzjoni, inqas diversità ġeografika fost il-fornituri u kopertura ħażina ta' emittenti iżgħar. Jenħtieġ li l-entitajiet li jfittxu iżjed minn klassifikazzjoni ESG waħda jagħżlu mill-inqas fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG wieħed b'sehem mis-suq ta' inqas minn 5 %.

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Minħabba l-użu tal-klassifikazzjonijiet ESG minn fornituri li jinsabu barra mill-Unjoni, huwa meħtieġ li jiġu introdotti rekwiżiti bbażati fuq liema fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG ta'	(17) Minħabba l-użu tal-klassifikazzjonijiet ESG minn fornituri li jinsabu barra mill-Unjoni, huwa meħtieġ li jiġu introdotti rekwiżiti bbażati fuq liema fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG ta'

pajjiżi terzi jistgħu joffru s-servizzi tagħhom fl-Unjoni. Dan huwa meħtieġ biex jiġu żgurati l-integrità tas-suq, il-protezzjoni tal-investituri u l-infurzar xieraq. Għalhekk, qed jiġu proposti tliet reġimi possibbli għal dawk il-forniturі ta' klassifikazzjonijiet ESG ta' pajjiżi terzi: ekwivalenza, approvazzjoni u rikonoxximent. Bħala prinċipju ġenerali, jenħtieġ li s-superviżjoni u r-regolamentazzjoni f'pajjiż terz ikunu ekwivalenti għas-superviżjoni u r-regolamentazzjoni tal-Unjoni tal-klassifikazzjonijiet ESG. Għalhekk, il-klassifikazzjonijiet ESG ipprovduti minn fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG li jinsab f'pajjiż terz jistgħu jiġu offruti biss fl-Unjoni meta tkun ittieħdet deċiżjoni pożittiva mill-Kummissjoni dwar l-ekwivalenza tar-reġim ta' pajjiż terz. Madankollu, sabiex jiġi evitat kwalunkwe impatt negattiv li jirriżulta minn waqfien f'daqqa possibbli tal-offerta fl-Unjoni tal-klassifikazzjonijiet ESG ipprovduti minn fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG ta' pajjiż terz, huwa meħtieġ ukoll li jiġu previsti ċerti mekkaniżmi oħrajn, jiġifieri l-approvazzjoni u r-rikonoxximent. Kwalunkwe fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG bi struttura ta' grupp jenħtieġ li jkun jista' juża l-mekkaniżmu ta' approvazzjoni għall-klassifikazzjonijiet ESG żviluppati barra mill-Unjoni, diment li jistabbilixxi, fi ħdan il-grupp, fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG awtorizzat fl-Unjoni. Forniturі iżgħar ta' klassifikazzjonijiet ESG, skont it-tifsira tal-limitu massimu tal-fatturat nett biex jiġu definiti impriżi żgħar fid-Direttiva 2013/34/UE[26] , li ġeneralment ma jkunux jappartjenu għal grupp, u li jista' jkun li ma jkollhomx il-mezzi biex ikollhom entità ġuridika awtorizzata fl-Unjoni, jenħtieġ li jkunu jistgħu jkomplu jew jibdew joffru s-servizzi tagħhom fl-Unjoni u, għalhekk, jenħtieġ li jibbenefikaw minn reġim inqas strett, jiġifieri r-rikonoxximent. Meta l-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG ta' pajjiż terz ikun soġġett għal superviżjoni,

pajjiżi terzi jistgħu joffru s-servizzi tagħhom fl-Unjoni. Dan huwa meħtieġ biex jiġu żgurati l-integrità tas-suq, il-protezzjoni tal-investituri u l-infurzar xieraq. Għalhekk, qed jiġu proposti tliet reġimi possibbli għal dawk il-forniturі ta' klassifikazzjonijiet ESG ta' pajjiżi terzi: ekwivalenza, approvazzjoni u rikonoxximent. Bħala prinċipju ġenerali, jenħtieġ li s-superviżjoni u r-regolamentazzjoni f'pajjiż terz ikunu ekwivalenti għas-superviżjoni u r-regolamentazzjoni tal-Unjoni tal-klassifikazzjonijiet ESG. Għalhekk, il-klassifikazzjonijiet ESG ipprovduti minn fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG li jinsab f'pajjiż terz jistgħu jiġu offruti biss fl-Unjoni meta tkun ittieħdet deċiżjoni pożittiva mill-Kummissjoni dwar l-ekwivalenza tar-reġim ta' pajjiż terz.

Jenħtieġ li l-forniturі ta' klassifikazzjonijiet ESG ta' pajjiżi terzi li jistgħu jkunu soġġetti għar-reġim regolatorju u superviżorju ekwivalenti tal-Unjoni jkunu stabbiliti legalment, awtorizzati u rreġistrati f'pajjiż terz.

Madankollu, sabiex jiġi evitat kwalunkwe impatt negattiv li jirriżulta minn waqfien f'daqqa possibbli tal-offerta fl-Unjoni tal-klassifikazzjonijiet ESG ipprovduti minn fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG ta' pajjiż terz, huwa meħtieġ ukoll li jiġu previsti ċerti mekkaniżmi oħrajn, jiġifieri l-approvazzjoni u r-rikonoxximent. Kwalunkwe fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG bi struttura ta' grupp jenħtieġ li jkun jista' juża l-mekkaniżmu ta' approvazzjoni għall-klassifikazzjonijiet ESG żviluppati barra mill-Unjoni, diment li jistabbilixxi, fi ħdan il-grupp, fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG awtorizzat fl-Unjoni. Forniturі iżgħar ta' klassifikazzjonijiet ESG, skont it-tifsira tal-limitu massimu tal-fatturat nett biex jiġu definiti impriżi żgħar fid-Direttiva 2013/34/UE[26], li ġeneralment ma jkunux jappartjenu għal grupp, u li jista' jkun li ma jkollhomx il-mezzi biex ikollhom entità ġuridika awtorizzata fl-Unjoni, jenħtieġ li

jenħtieġ li jiġu stabbiliti arranġamenti ta' kooperazzjoni xierqa sabiex jiġi żgurat l-iskambju xieraq ta' informazzjoni mal-awtorità kompetenti rilevanti tal-pajjiż terz.	jkunu jistgħu jkomplu jew jibdew joffru s-servizzi tagħhom fl-Unjoni u, għalhekk, jenħtieġ li jibbenefikaw minn reġim inqas strett, jiġifieri r-rikonoxximent. Meta l-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG ta' pajjiż terz ikun soġġett għal superviżjoni, jenħtieġ li jiġu stabbiliti arranġamenti ta' kooperazzjoni xierqa sabiex jiġi żgurat l-iskambju xieraq ta' informazzjoni mal-awtorità kompetenti rilevanti tal-pajjiż terz.
[26] Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).	[26] Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Sabiex tiġi żgurata trasparenza ta' livell ogħla, jenħtieġ li l-forniturі ta' klassifikazzjonijiet ESG jiddivulgaw informazzjoni lill-pubbliku dwar il-metodoloġiji, il-mudelli u s-suppożizzjonijiet ewlenin tal-klassifikazzjoni li dawk il-forniturі jużaw fl-attivitajiet ta' klassifikazzjoni ESG tagħhom u f'kull wieħed mill-prodotti ta' klassifikazzjoni ESG tagħhom. Fid-dawl tal-użi tal-klassifikazzjonijiet ESG mill-investituri, jenħtieġ li l-prodotti ta' klassifikazzjoni jiddivulgaw b'mod espliċitu liema dimensjoni tal-materjalità doppja l-klassifikazzjoni tindirizza, kemm	(21) Sabiex tiġi żgurata trasparenza ta' livell ogħla, jenħtieġ li l-forniturі ta' klassifikazzjonijiet ESG jiddivulgaw informazzjoni lill-pubbliku dwar il-metodoloġiji, il-mudelli u s-suppożizzjonijiet ewlenin tal-klassifikazzjoni li dawk il-forniturі jużaw fl-attivitajiet ta' klassifikazzjoni ESG tagħhom u f'kull wieħed mill-prodotti ta' klassifikazzjoni ESG tagħhom. Fid-dawl tal-użi tal-klassifikazzjonijiet ESG mill-investituri, jenħtieġ li l-prodotti ta' klassifikazzjoni jiddivulgaw b'mod espliċitu liema dimensjoni tal-materjalità doppja l-klassifikazzjoni tindirizza, kemm

jekk hijiex riskju finanzjarju materjali għall-entità kklassifikata u l-impatt materjali tal-entità kklassifikata fuq l-ambjent u fuq is-soċjetà b'mod ġenerali, jew jekk tqisx wieħed biss minnhom. Jenħtieġ li dawn jiddivulgaw b'mod espliċitu jekk il-klassifikazzjoni tindirizzax dimensjonijiet oħrajn. Għall-istess raġuni, jenħtieġ li l-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG jipprovdu informazzjoni aktar dettaljata dwar il-metodoloġiji, il-mudelli u s-suppożizzjonijiet ewlenin tal-klassifikazzjoni lill-abbonati tal-klassifikazzjonijiet ESG. Jenħtieġ li dik l-informazzjoni tippermetti lill-utenti tal-klassifikazzjonijiet ESG iwettqu d-diliġenza dovuta tagħhom stess meta jivvalutaw jekk għandhomx jiddependu jew le fuq dawk il-klassifikazzjonijiet ESG. ***Madankollu, jenħtieġ li d-divulgazzjoni ta' informazzjoni li tikkonċerna l-mudelli ma tiżvelax informazzjoni kummerċjali sensittiva u ma tfixkilx l-innovazzjoni.***	jekk hijiex riskju finanzjarju materjali għall-entità kklassifikata u l-impatt materjali tal-entità kklassifikata fuq l-ambjent u fuq is-soċjetà b'mod ġenerali, jew jekk tqisx wieħed biss minnhom. Jenħtieġ li dawn jiddivulgaw b'mod espliċitu jekk il-klassifikazzjoni tindirizzax dimensjonijiet oħrajn. Għall-istess raġuni, jenħtieġ li l-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG jipprovdu informazzjoni aktar dettaljata dwar il-metodoloġiji, il-mudelli u s-suppożizzjonijiet ewlenin tal-klassifikazzjoni lill-abbonati tal-klassifikazzjonijiet ESG. Jenħtieġ li dik l-informazzjoni tippermetti lill-utenti tal-klassifikazzjonijiet ESG iwettqu d-diliġenza dovuta tagħhom stess meta jivvalutaw jekk għandhomx jiddependu jew le fuq dawk il-klassifikazzjonijiet ESG.
	Or. en

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 21a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(21a) L-informazzjoni mill-isfera pubblika, ippruvduta minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, trade unions u ġurnalisti, hija ta' importanza kruċjali. Madankollu, l-entitajiet ikklassifikati jista' jkollhom attivitajiet ta' negozju f'ġuriżdizzjonijiet fejn il-libertà tal-kelma, il-libertà ta' għaqda u d-drittijiet tat-trade unions ma jkunux rispettati sew, li jfixkel il-kwalità tal-klassifikazzjonijiet ESG. Għalhekk jenħtieġ li l-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG jikkomunikaw il-

limitazzjonijiet tal-informazzjoni disponibbli għalihom.

Or. en

Emenda 15

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Jenħtieġ li l-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG jiżguraw li jipprovdu klassifikazzjonijiet ESG li jkunu indipendenti, oġġettivi u ta' kwalità adegwata. Huwa importanti li jiġu introdotti rekwiżiti organizzazzjonali li jiżguraw il-prevenzjoni u l-mitigazzjoni ta' kunflitti ta' interess potenzjali. Sabiex tiġi żgurata l-indipendenza tagħhom, jenħtieġ li l-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG jevitaw sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess u jimmaniġġaw dawk il-kunflitti b'mod adegwat meta dawn ikunu inevitabbli. Jenħtieġ li l-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG jiddivulgaw il-kunflitti ta' interess fil-ħin. Jenħtieġ li huma jżommu wkoll rekords tat-theddid sinifikanti kollu għall-indipendenza tal-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG u dik tal-impjegati tiegħu u ta' persuni oħrajn involuti fil-proċess ta' klassifikazzjoni, kif ukoll is-salvagwardji applikati biex jittaffa dak it-theddid. Barra minn hekk, sabiex jiġu evitati kunflitti ta' interess potenzjali, jenħtieġ li l-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG ma jitħallewx joffru għadd ta' servizzi oħrajn, inklużi servizzi ta' konsulenza, klassifikazzjonijiet tal-kreditu, parametri referenzjarji, attivitajiet ta' investiment, awditjar, jew attivitajiet bankarji, tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni. Fl-aħħar nett, sabiex jiġi evitat, identifikat, eliminat jew immaniġġat u divulgat kwalunkwe kunflitt ta' interess u sabiex jiġu żgurati l-kwalità, l-integrità u r-	(22) Jenħtieġ li l-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG jiżguraw li jipprovdu klassifikazzjonijiet ESG li jkunu indipendenti, oġġettivi u ta' kwalità adegwata. Huwa importanti li jiġu introdotti rekwiżiti organizzazzjonali li jiżguraw il-prevenzjoni u l-mitigazzjoni ta' kunflitti ta' interess potenzjali. Sabiex tiġi żgurata l-indipendenza tagħhom, jenħtieġ li l-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG jevitaw sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess u jimmaniġġaw dawk il-kunflitti b'mod adegwat meta dawn ikunu inevitabbli. Jenħtieġ li l-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG jiddivulgaw il-kunflitti ta' interess fil-ħin. Jenħtieġ li huma jżommu wkoll rekords tat-theddid sinifikanti kollu għall-indipendenza tal-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG u dik tal-impjegati tiegħu u ta' persuni oħrajn involuti fil-proċess ta' klassifikazzjoni, kif ukoll is-salvagwardji applikati biex jittaffa dak it-theddid. Barra minn hekk, sabiex jiġu evitati kunflitti ta' interess potenzjali, jenħtieġ li l-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG ma jitħallewx joffru għadd ta' servizzi oħrajn, inklużi servizzi ta' konsulenza, klassifikazzjonijiet tal-kreditu, parametri referenzjarji, attivitajiet ta' investiment, awditjar, jew attivitajiet bankarji, tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni. ***Barra minn hekk, jenħtieġ li l-entitajiet li jkunu parti minn grupp li jinkludi fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG ma jipprovdux***

reqqa tal-proċess ta’ klassifikazzjoni u rieżami ESG f’kull ħin, jenħtieġ li l-fornituri ta’ klassifikazzjonijiet ESG jistabbilixxu politiki u proċeduri interni xierqa b’rabta mal-impjegati u ma’ persuni oħrajn involuti fil-proċess ta’ klassifikazzjoni. Jenħtieġ li tali politiki u proċeduri, b’mod partikulari, jinkludu mekkaniżmi ta’ kontroll intern u funzjoni ta’ konformità.	***attivitajiet ta’ konsulenza jew awditjar lil entitajiet ikklassifikati.*** Fl-aħħar nett, sabiex jiġi evitat, identifikat, eliminat jew immaniġġat u divulgat kwalunkwe kunflitt ta’ interess u sabiex jiġu żgurati l-kwalità, l-integrità u r-reqqa tal-proċess ta’ klassifikazzjoni u rieżami ESG f’kull ħin, jenħtieġ li l-fornituri ta’ klassifikazzjonijiet ESG jistabbilixxu politiki u proċeduri interni xierqa b’rabta mal-impjegati u ma’ persuni oħrajn involuti fil-proċess ta’ klassifikazzjoni. Jenħtieġ li tali politiki u proċeduri, b’mod partikulari, jinkludu mekkaniżmi ta’ kontroll intern u funzjoni ta’ konformità.

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jintroduċi approċċ regolatorju komuni biex jittejbu l-integrità, it-trasparenza, ir-responsabbiltà, il-governanza tajba ***u*** l-indipendenza tal-attivitajiet ta’ klassifikazzjoni ESG***, u jikkontribwixxi għat-trasparenza u l-kwalità tal-klassifikazzjonijiet ESG***. Huwa għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern, filwaqt li jikseb livell għoli ta’ protezzjoni tal-konsumaturi u tal-investituri u jipprevjeni l-greenwashing jew tipi oħrajn ta’ miżinformazzjoni, inklużi l-ħasil soċjali, bl-introduzzjoni ta’ rekwiżiti ta’ trasparenza relatati mal-klassifikazzjonijiet ESG u r-regoli dwar l-organizzazzjoni u l-kondotta tal-fornituri ta’ klassifikazzjonijiet ESG.	Dan ir-Regolament jintroduċi approċċ regolatorju komuni biex jittejbu l-integrità, it-trasparenza, ir-responsabbiltà, ***l-affidabbiltà, l-armonizzazzjoni, l-allinjament mad-dritt tal-Unjoni,*** il-governanza tajba***,*** l-indipendenza ***u l-kwalità*** tal-attivitajiet ta’ klassifikazzjoni ESG. Huwa għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern, filwaqt li jikseb livell għoli ta’ protezzjoni tal-konsumaturi u tal-investituri u jipprevjeni l-greenwashing jew tipi oħrajn ta’ miżinformazzjoni, inklużi l-ħasil soċjali, bl-introduzzjoni ta’ rekwiżiti ta’ trasparenza ***u ta’ kwalità*** relatati mal-klassifikazzjonijiet ESG u r-regoli dwar l-organizzazzjoni u l-kondotta tal-fornituri ta’ klassifikazzjonijiet ESG.

Or. en

Emenda 17

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) klassifikazzjonijiet ESG prodotti minn impriżi finanzjarji regolati fl-Unjoni li jintużaw għal skopijiet interni jew għall-forniment ta' servizzi u prodotti finanzjarji interni;	(b) klassifikazzjonijiet ESG prodotti minn impriżi finanzjarji regolati fl-Unjoni li jintużaw għal skopijiet interni jew għall-forniment ta' servizzi u prodotti finanzjarji interni***, inkluż servizzi lil entitajiet oħra li huma parti mill-istess grupp***;

Or. en

Emenda 18

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ia) id-divulgazzjonijiet obbligatorji skont l-Artikoli 6, 8 u 9 tar-Regolament (UE) 2019/2088;

Or. en

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt ib (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ib) id-divulgazzjonijiet skont l-Artikoli 5, 6 u 8 tar-Regolament (UE) 2020/852;

Or. en

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt ic (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ic) organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mingħajr skop ta' qligħ li jikkompilaw tabelli ta' valutazzjoni jew klassifikazzjonijiet għal skopijiet mhux kummerċjali u li jagħmlu dawk il-klassifikazzjonijiet aċċessibbli mingħajr ħlas;

Or. en

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) "klassifikazzjoni ESG" tfisser opinjoni, punteġġ jew kombinazzjoni tat-tnejn, fir-rigward ta' entità, strument finanzjarju, prodott finanzjarju, jew il-profil jew il-karatteristiċi ESG ta' impriża jew skopertura għar-riskji ESG jew l-impatt fuq in-nies, is-soċjetà u l-ambjent, li huma bbażati fuq metodoloġija stabbilita u sistema ta' klassifikazzjoni definita tal-kategoriji ta' klassifikazzjoni u li huma pprovduti lil partijiet terzi, irrispettivament minn jekk tali klassifikazzjoni ESG hijiex espliċitament ittikkettata bħala "klassifikazzjoni" jew "punteġġ ESG";	(1) "klassifikazzjoni ESG" tfisser opinjoni, punteġġ jew kombinazzjoni tat-tnejn, fir-rigward ta' entità, strument finanzjarju, prodott finanzjarju, jew il-profil jew il-karatteristiċi ESG ta' impriża jew skopertura għar-riskji ESG jew l-impatt fuq in-nies, is-soċjetà u l-ambjent, li huma bbażati fuq metodoloġija stabbilita u sistema ta' klassifikazzjoni definita tal-kategoriji ta' klassifikazzjoni u li huma pprovduti lil partijiet terzi, irrispettivament minn jekk tali klassifikazzjoni ESG hijiex espliċitament ittikkettata bħala "klassifikazzjoni" jew "punteġġ ESG"***, minbarra t-tikketti ESG u l-klassifikazzjonijiet tal-kontroversji***;

Or. en

Emenda 22

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) "fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG" tfisser persuna ġuridika li xogħolha jinkludi li toffri u tiddistribwixxi l-klassifikazzjonijiet ***jew il-punteġġi*** ESG ***fuq bażi professjonali***;	(4) "fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG" tfisser persuna ġuridika li xogħolha jinkludi li toffri u tiddistribwixxi l-klassifikazzjonijiet ESG;

Or. en

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) "analist ta' klassifikazzjoni" tfisser persuna li twettaq funzjonijiet analitiċi ***bil-għan li toħroġ klassifikazzjonijiet ESG***;	(6) "analist ta' klassifikazzjoni" tfisser persuna li twettaq funzjonijiet analitiċi ***dwar profil jew karatteristiċi ESG, skopertura għar-riskji ESG, jew l-impatt ta' entità, strument finanzjarju, kumpanija jew prodott finanzjarju fuq in-nies, is-soċjetà u l-ambjent***;

Or. en

Emenda 24

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Jekk ma tiġi adottata l-ebda deċiżjoni mill-ESMA fil-perjodu msemmi fil-paragrafu 3 jew 4, kif applikabbli, l-applikant ma għandux jitqies awtorizzat li jipprovdi klassifikazzjonijiet ESG fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-punt (a), il-Kummissjoni għandha tqis jekk il-qafas legali u l-prattika superviżorja ta' pajjiż terz jiżgurawx il-konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-IOSCO għall-Klassifikazzjonijiet ESG ippubblikati f'Novembru 2021.	Għall-finijiet tal-punt (a), il-Kummissjoni għandha tqis jekk il-qafas legali u l-prattika superviżorja ta' pajjiż terz jiżgurawx il-konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-IOSCO għall-Klassifikazzjonijiet ESG ippubblikati f'Novembru 2021. ***Il-konformità ma' dawk ir-rakkomandazzjonijiet minnha nnifisha ma tikkostitwixxix ekwivalenza.***

Or. en

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-mekkaniżmu għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-ESMA u l-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi kkonċernati, inkluż l-aċċess għall-informazzjoni rilevanti kollha mitluba mill-ESMA rigward il-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG awtorizzat ***jew irreġistrat*** f'dak il-pajjiż terz;	(a) il-mekkaniżmu għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-ESMA u l-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi kkonċernati, inkluż l-aċċess għall-informazzjoni rilevanti kollha mitluba mill-ESMA rigward il-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG awtorizzat ***u rreġistrat*** f'dak il-pajjiż terz;

Or. en

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-mekkaniżmu għal notifika fil-pront lill-ESMA meta awtorità kompetenti ta' pajjiż terz tqis li l-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG awtorizzat ***jew irreġistrat*** f'dak il-pajjiż terz u li jkun issorveljat minn dik l-awtorità kompetenti ta' pajjiż terz ikun qed jikser il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tiegħu, jew liġi nazzjonali oħra f'dak il-pajjiż terz;	(b) il-mekkaniżmu għal notifika fil-pront lill-ESMA meta awtorità kompetenti ta' pajjiż terz tqis li l-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG awtorizzat ***u rreġistrat*** f'dak il-pajjiż terz u li jkun issorveljat minn dik l-awtorità kompetenti ta' pajjiż terz ikun qed jikser il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tiegħu, jew liġi nazzjonali oħra f'dak il-pajjiż terz;

Or. en

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) il-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG li jinsab fl-Unjoni jissodisfa l-indikaturi ta' sustanza minima stipulati fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni tal-użu ħażin ta' entitajiet fittizji għal finijiet ta' taxxa u li temenda d-Direttiva 2011/16/UE;

Or. en

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ab) l-approvazzjoni tal-klassifikazzjoni ESG ma tfixkilx il-kwalità tal-valutazzjoni tal-entità kklassifikata jew l-arranġament ta' rieżamijiet jew spezzjonijiet fuq il-post,

	jekk ikun ipprovdut fil-metodoloġija tal-klassifikazzjoni ESG użata mill-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG;

Or. en

Emenda 30

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, l-ESMA ***tista' tikkunsidra li l-konformità tal-forniment tal-klassifikazzjoni ESG li għandha tiġi approvata mar-rakkomandazzjonijiet tal-IOSCO għall-klassifikazzjonijiet ESG hija ekwivalenti għall-konformità*** mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.	Għall-finijiet tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, l-ESMA ***għandha teżamina l-konformità*** mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament***, b'mod partikolari ma' dawk tal-Artikolu 5 u tal-Artikoli 14 sa 25***.

Or. en

Emenda 31

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG ta' pajjiżi terzi li jixtiequ jiġu rikonoxxuti kif imsemmi fil-paragrafu 1 għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u japplikaw għar-rikonoxximent mal-ESMA. ***Il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG jistgħu jissodisfaw dik il-kundizzjoni billi japplikaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-IOSCO fuq il-klassifikazzjonijiet ESG, diment li tali applikazzjoni tkun ekwivalenti għall-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.***	Il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG ta' pajjiżi terzi li jixtiequ jiġu rikonoxxuti kif imsemmi fil-paragrafu 1 għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u japplikaw għar-rikonoxximent mal-ESMA.

Or. en

Emenda 32

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG għandhom jadottaw u jimplimentaw politiki u proċeduri interni ta' diliġenza dovuta li jiżguraw li l-interessi kummerċjali tagħhom ma jfixklux l-indipendenza jew l-akkuratezza tal-attivitajiet ta' valutazzjoni.	5. Il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG għandhom jadottaw u jimplimentaw politiki u proċeduri interni ta' diliġenza dovuta li jiżguraw li l-interessi kummerċjali ***u l-politiki ta' remunerazzjoni*** tagħhom ma jfixklux l-indipendenza jew l-akkuratezza tal-attivitajiet ta' valutazzjoni.

Or. en

Emenda 33

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
12. Il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG ma għandhomx jiddivulgaw informazzjoni dwar il-kapital intellettwali, il-proprjetà intellettwali, l-għarfien espert jew ir-riżultati tal-innovazzjoni tagħhom li jikkwalifikaw bħala sigrieti kummerċjali kif definiti fl-Artikolu 2, punt 1, tad-Direttiva (UE) 2016/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[52] .	***imħassar***
[52] Id-Direttiva (UE) 2016/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni ta' konoxxenza u ta' informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali (sigrieti kummerċjali) kontra l-ksib, l-użu u l-iżvelar illegali tagħhom (ĠU L 157,	

15.6.2016, p. 1).

Or. en

Emenda 34

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-entitajiet li huma parti minn grupp li jappartjeni fih fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG ma għandhom jipprovdu l-ebda mill-attivitajiet li ġejjin lil entitajiet ikklassifikati:
	(a) attivitajiet ta' konsulenza;
	(b) attivitajiet ta' awditjar.
	Dawk l-entitajiet jistgħu jipprovdu attivitajiet lil entitajiet ikklassifikati għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 1a sa fejn salvagwardji xierqa jkunu stabbiliti biex jipprevjenu l-kunflitti ta' interess, inklużi miżuri msemmija fl-Artikoli 23 u 24 ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 35

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. L-impjegati tal-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG involuti fil-proċess tal-valutazzjoni ma għandhom jipprovdu l-ebda mill-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1.

Or. en

Emenda 36

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex jiġu speċifikati d-dettalji tas-salvagwardji li jridu jiġu implimentati skont il-paragrafu 1b.
	Meta tiżviluppa l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-ESMA għandha tikkunsidra l-kunflitti ta' interess potenzjali għall-provvista ta' klassifikazzjonijiet ESG u klassifikazzjonijiet tal-kreditu li jistgħu jirriżultaw bejn l-entità kklassifikata u l-entità ta' klassifikazzjoni kif ukoll bejn l-impjegati tagħhom.
	L-ESMA għandha tissottometti l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni sa XX XX XXXX.
	Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010.

Or. en

Emenda 37

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhom jixtru jew ibigħu l-ebda strument finanzjarju maħruġ, garantit, jew	3. Il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhom jixtru jew ibigħu l-ebda strument finanzjarju maħruġ, garantit, jew

appoġġat b'xi mod ieħor minn xi entità kklassifikata għajr parteċipazzjonijiet fi skemi diversifikati ta' investiment kollettiv, inklużi fondi ġestiti, u lanqas ma għandhom jinvolvu ruħhom f'xi tranżazzjoni f'tali strumenti finanzjarji.	appoġġat b'xi mod ieħor minn xi entità kklassifikata ***jew kwalunkwe entità fi ħdan il-grupp tal-entità kklassifikata,*** għajr parteċipazzjonijiet fi skemi diversifikati ta' investiment kollettiv, inklużi fondi ġestiti, u lanqas ma għandhom jinvolvu ruħhom f'xi tranżazzjoni f'tali strumenti finanzjarji.

Or. en

Emenda 38

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 4 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) reċentement kellhom relazzjoni ta' impjieg, negozju jew relazzjoni oħra mal-entità kklassifikata li tista' tikkawża jew tista' ġeneralment tkun ipperċepita li qed tikkawża kunflitt ta' interess.	(c) reċentement kellhom relazzjoni ta' impjieg, negozju jew relazzjoni oħra mal-entità kklassifikata***, jew kwalunkwe entità fi ħdan il-grupp tal-entità kklassifikata, f'perjodu ta' mill-inqas tliet snin,*** li tista' tikkawża jew tista' ġeneralment tkun ipperċepita li qed tikkawża kunflitt ta' interess.

Or. en

Emenda 39

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Il-persuni kif imsemmija fil-paragrafu 1 ma għandhomx jieħdu pożizzjoni ***maniġerjali ewlenija*** f'entità kklassifikata li fiha kienu involuti fil-klassifikazzjoni għal ***6 xhur*** wara l-għoti ta' tali klassifikazzjoni.	8. Il-persuni kif imsemmija fil-paragrafu 1 ma għandhomx jieħdu pożizzjoni f'entità kklassifikata li fiha kienu involuti fil-klassifikazzjoni għal ***sena waħda*** wara l-għoti ta' tali klassifikazzjoni.

Or. en

Emenda 40

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. Il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG għandhom jiżguraw li, meta jwettqu valutazzjoni, il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 ikunu indipendenti mill-entità kklassifikata u ma jkunux involuti fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-entità kklassifikata matul il-perjodu tal-valutazzjoni li twassal għall-ħruġ ta' klassifikazzjoni ESG u għal sena waħda wara dan il-perjodu.
	Il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG għandhom jieħdu l-passi raġonevoli kollha biex jiżguraw li, meta l-persuni msemmija fil-paragrafu 1 jipparteċipaw fid-determinazzjoni ta' klassifikazzjoni ESG ta' kwalunkwe entità kklassifikata jew jinfluwenzawha b'mod ieħor, l-indipendenza tagħhom ma tkunx affettwata minn kwalunkwe kunflitt ta' interess, negozju jew relazzjoni diretta jew indiretta oħra eżistenti jew potenzjali li jinvolvu dawk il-persuni.
	Il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhomx jipparteċipaw fid-determinazzjoni ta' klassifikazzjoni ESG ta' kwalunkwe entità kklassifikata jew jinfluwenzawha b'mod ieħor jekk ikun hemm kwalunkwe theddida ta' awtorieżami, interess personali, rappreżentanza, familjarità jew intimidazzjoni maħluqa minn relazzjonijiet finanzjarji, personali, ta' negozju, ta' impjieg jew oħrajn bejn dawk il-persuni u l-entità kklassifikata li b'riżultat tagħha parti terza oġġettiva, raġonevoli u informata, li tqis is-salvagwardji applikati, tikkonkludi li l-indipendenza ta' dawk il-persuni hija kompromessa.

Or. en

Emenda 41

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 8b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8b. Il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhomx jitolbu jew jaċċettaw rigali monetarji jew mhux monetarji jew pjaċiri minn entità kklassifikata sakemm parti terza oġġettiva, raġonevoli u informata ma tikkunsidrax il-valur tagħhom bħala trivjali jew mingħajr konsegwenzi.

Or. en

Emenda 42

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 8c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8c. Jekk, matul il-perjodu li fih il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 ikunu involuti fl-attivitajiet ta' valutazzjoni, entità kklassifikata tiġi fuża ma' entità oħra jew takkwistaha, il-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG għandu jiżgura li dawk il-persuni jidentifikaw u jevalwaw kwalunkwe interess jew relazzjoni attwali jew reċenti li, filwaqt li jitqiesu s-salvagwardji disponibbli, tista' tikkomprommetti l-indipendenza u l-kapaċità ta' dawk il-persuni li jkomplu jkunu involuti fl-attivitajiet ta' valutazzjoni wara d-data effettiva tal-fużjoni jew tal-akkwiżizzjoni.

Or. en

Emenda 43

Proposta għal regolament
Artikolu 16a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 16a
	Użu ta' diversi fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG
	1. Meta entità tfittex klassifikazzjoni ESG mingħand tal-inqas żewġ fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG, din għandha taħtar mill-inqas fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG wieħed b'mhux iktar minn 5 % sehem mis-suq fl-Unjoni.
	2. Kull sena, l-ESMA għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha lista ta' fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG elenkati fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 13(1), li tindika s-sehem mis-suq totali tagħhom fl-Unjoni.
	3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, is-sehem mis-suq totali għandu jitkejjel b'referenza għall-fatturat annwali ġġenerat mill-attivitajiet ta' klassifikazzjonijiet ESG u mis-servizzi anċillari, fil-livell ta' grupp fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 44

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG għandhom jirreġistraw l-attivitajiet ta' klassifikazzjoni ESG tagħhom. Dawk ir-rekords għandu jkun fihom l-informazzjoni elenkata ***fl-Anness*** II.	1. Il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG għandhom jirreġistraw l-attivitajiet ta' klassifikazzjoni ESG tagħhom. Dawk ir-rekords għandu jkun fihom l-informazzjoni elenkata ***fl-Annessi I u*** II.

Or. en

Emenda 45

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-proċeduri tal-ilmenti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu miftuħin u aċċessibbli, u għandhom jinkludu l-possibbiltà għal ilmenti anonimi.

Or. en

Emenda 46

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt a – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) l-affidabbiltà tal-informazzjoni ppubblikata f'konformità mal-Anness III;

Or. en

Emenda 47

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG għandhom jiddivulgaw fuq is-sit web tagħhom il-metodoloġiji, il-mudelli u s-suppożizzjonijiet ewlenin tal-klassifikazzjoni li jużaw fl-attivitajiet ta' klassifikazzjoni ESG tagħhom, inkluża l-informazzjoni msemmija fl-Anness III***,*** ***punt 1***.	1. Il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG għandhom jiddivulgaw fuq is-sit web tagħhom il-metodoloġiji, il-mudelli u s-suppożizzjonijiet ewlenin tal-klassifikazzjoni li jużaw fl-attivitajiet ta' klassifikazzjoni ESG tagħhom, inkluża l-informazzjoni msemmija fl-Anness III.

Or. en

Emenda 48

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Għandhom jiġu pprovduti klassifikazzjonijiet E, S u G separati minflok metrika ESG unika li taggrega fatturi E, S u G. Il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG għandhom jipprovdu d-divulgazzjonijiet imsemmija f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 22 b'mod separat għal kull fattur.

Or. en

Emenda 49

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw aktar l-elementi li għandhom jiġu ddivulgati f'konformità mal-paragrafu 1.	2. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw aktar l-elementi li għandhom jiġu ddivulgati f'konformità mal-paragrafu 1 ***u l-preżentazzjoni tal-informazzjoni***.

Or. en

Emenda 50

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ESMA għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni ***sa XX XXXX XXXX***.	L-ESMA għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni ***... [6 xhur wara d-data***

ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Or. en

Emenda 51

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG għandu jipprovdi l-informazzjoni msemmija fl-Anness III malli jkun awtorizzat jew rikonoxxut skont dan ir-Regolament. Il-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG għandu jagħmel il-bidliet meħtieġa wara d-dħul fis-seħħ tal-istandards tekniċi regolatorji msemmija fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

Or. en

Emenda 52

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Divulgazzjonijiet lill-abbonati tal-klassifikazzjonijiet ESG u lill-entitajiet ikklassifikati	Divulgazzjonijiet ***lill-utenti tal-klassifikazzjonijiet ESG,*** lill-abbonati tal-klassifikazzjonijiet ESG u lill-entitajiet ikklassifikati

Or. en

Emenda 53

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG għandhom jiddivulgaw, bħala minimu, l-informazzjoni msemmija fil-punt 2 tal-Anness III lill-abbonati tagħhom u lill-entitajiet ikklassifikati.	1. Il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG għandhom jiddivulgaw, bħala minimu, l-informazzjoni msemmija fil-punt 2 tal-Anness III lill-abbonati tagħhom u lill-entitajiet ikklassifikati. ***Fejn il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG jiddivulgaw klassifikazzjonijiet ESG b'mod pubbliku, dawn għandhom jiddivulgaw b'mod pubbliku l-informazzjoni sottostanti msemmija fil-punt 2 tal-Anness III għal dawk il-klassifikazzjonijiet speċifiċi.***
	Or. en

Emenda 54

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Fejn abbonati għal klassifikazzjonijiet ESG jew entitajiet ikklassifikati jiddivulgaw jew jiddistribwixxu klassifikazzjonijiet ESG, dawn għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni msemmija fil-punt 2 tal-Anness III lill-persuni li jirċievu l-klassifikazzjonijiet ESG jew jipprovdu link għas-sit web tal-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG fejn dik l-informazzjoni tkun disponibbli.
	Fejn abbonati ta' klassifikazzjonijiet ESG jew entitajiet ikklassifikati jiddivulgaw klassifikazzjonijiet ESG b'mod pubbliku, l-informazzjoni msemmija fil-punt 2 tal-Anness III għandha ssir disponibbli għall-pubbliku.
	Or. en

Emenda 55

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw aktar l-elementi li għandhom jiġu ddivulgati f'konformità mal-paragrafu 1.	2. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw aktar l-elementi li għandhom jiġu ddivulgati f'konformità mal-paragrafu 1 ***u l-preżentazzjoni tal-informazzjoni***.

Or. en

Emenda 56

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ESMA għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa ***XX XXXX XXXX***.	L-ESMA għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa ***... [6 xhur wara d-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]***.

Or. en

Emenda 57

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn ikun hemm riskju ta' kunflitt ta' interess fi ħdan fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG minħabba l-istruttura tas-sjieda, l-interessi ta' kontroll, jew l-attivitajiet ta' dak il-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG, ta' xi entità li għandha jew tikkontrolla l-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG, ta' entità li hija proprjetà tal-fornitur ta' klassifikazzjonijiet	Fejn ikun hemm riskju ta' kunflitt ta' interess fi ħdan fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG minħabba l-istruttura tas-sjieda, l-interessi ta' kontroll, jew l-attivitajiet ta' dak il-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG, ta' xi entità li għandha jew tikkontrolla l-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG, ta' entità li hija proprjetà tal-fornitur ta' klassifikazzjonijiet

ESG jew li hija kkontrollata minnu, jew ta' xi wieħed mill-affiljati tal-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG, l-ESMA ***tista'*** titlob lill-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG jieħu miżuri biex itaffi dak ir-riskju. Tali miżuri jistgħu jinkludu l-istabbiliment ta' funzjoni ta' sorveljanza indipendenti li tirrappreżenta lill-partijiet ikkonċernati, inklużi l-utenti tal-klassifikazzjonijiet ESG ***u l-kontributuri*** għal tali klassifikazzjonijiet, b'mod ibbilanċjat.	ESG jew li hija kkontrollata minnu, jew ta' xi wieħed mill-affiljati tal-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG, l-ESMA ***għandha tieħu azzjoni. L-ESMA għandha*** titlob lill-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG jieħu miżuri biex itaffi dak ir-riskju. Tali miżuri jistgħu jinkludu l-istabbiliment ta' funzjoni ta' sorveljanza indipendenti li tirrappreżenta lill-partijiet ikkonċernati, inklużi l-utenti tal-klassifikazzjonijiet ESG***, il-kontributuri*** għal tali klassifikazzjonijiet, ***it-trade unions, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rilevanti u l-komunitajiet affettwati,*** b'mod ibbilanċjat.

Or. en

Emenda 58

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Azzjonist jew membru ta' fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG li għandu mill-inqas 5 % jew tal-kapital jew tad-drittijiet tal-vot f'dak il-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG, jew f'kumpanija li għandha s-setgħa teżerċita kontroll jew influwenza dominanti fuq dak il-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG, għandu jiġi pprojbit milli jagħmel kwalunkwe minn dawn li ġejjin:
	(a) ikollu 5 % jew iktar mill-kapital ta' kwalunkwe fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG ieħor;
	(b) ikollu d-dritt jew is-setgħa li jeżerċita 5 % jew iktar mid-drittijiet tal-vot fi kwalunkwe fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG ieħor;
	(b) ikollu d-dritt jew is-setgħa li jaħtar jew ineħħi membri tal-bord amministrattiv jew superviżorju ta' kwalunkwe fornitur ta' klassifikazzjonijiet

ESG ieħor;

(d) ikun membru tal-bord amministrattiv jew superviżorju ta' kwalunkwe fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG ieħor;

(e) jeżerċita jew ikollu s-setgħa li jeżerċita kontroll jew influwenza dominanti fuq kwalunkwe fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG ieħor.

Or. en

Emenda 59

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta kunflitt ta' interess kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu ma jkunx jista' jiġi ġestit b'mod adegwat, l-ESMA ***tista'*** titlob lill-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG iwaqqaf l-attivitajiet jew ir-relazzjonijiet li joħolqu l-kunflitt ta' interess, jew ***tista'*** titlob lill-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG jieqaf jipprovdi l-klassifikazzjonijiet ESG.	Meta ***jkun hemm riskju ta'*** kunflitt ta' interess kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu ***u*** ma jkunx jista' jiġi ġestit b'mod adegwat ***permezz tal-mitigazzjoni speċifika tar-riskji***, l-ESMA ***għandha*** titlob lill-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG iwaqqaf l-attivitajiet jew ir-relazzjonijiet li joħolqu l-kunflitt ta' interess, jew ***għandha*** titlob lill-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG jieqaf jipprovdi l-klassifikazzjonijiet ESG.

Or. en

Emenda 60

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG għandhom jiddivulgaw ***lill-ESMA*** l-kunflitti ta' interess eżistenti jew potenzjali kollha, inklużi l-kunflitti ta' interess li	4. Il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG għandhom jiddivulgaw ***b'mod pubbliku*** l-kunflitti ta' interess eżistenti jew potenzjali kollha, inklużi l-kunflitti ta'

jirriżultaw mis-sjieda jew mill-kontroll tal-fornituri ta’ klassifikazzjonijiet ESG.	interess li jirriżultaw mis-sjieda jew mill-kontroll tal-fornituri ta’ klassifikazzjonijiet ESG.

Or. en

Emenda 61

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-setgħa ta’ adozzjoni ta’ atti delegati ***msemmija fl-Artikoli 5, 21, 22 u 40*** għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta’ ***żmien indeterminat minn [UP: Jekk jogħġbok daħħal id-data*** tad-dħul fis-seħħ***]***.	2. Is-setgħa ta’ adozzjoni ta’ atti delegati għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta’ ***5 snin „„ [mid-data*** tad-dħul fis-seħħ ***ta’ dan ir-Regolament]***. ***Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport rigward id-delega tas-setgħa sa mhux aktar tard minn disa’ xhur qabel it-tmiem ta’ dak il-perjodu. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b’mod taċitu għal perjodi ta’ tul identiku, dment li l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta’ kull perjodu.***

Or. en

Emenda 62

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 7, 33, 34 u 40 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien ***xahrejn*** min-notifika ta’ dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-	6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 7, 33, 34 u 40 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien ***tliet xhur*** min-notifika ta’ dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-

tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex sejrin jogġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż ***b'[xahrejn]*** fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.	tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex sejrin jogġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż ***bi [tliet xhur]*** fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Or. en

Emenda 63

Proposta għal regolament
Artikolu 46

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 46	***imħassar***
Emendi fl-Annessi	
Sabiex tqis l-iżviluppi, inklużi l-iżviluppi internazzjonali, fis-swieq finanzjarji, b'mod partikolari b'rabta mal-finanzi sostenibbli, il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti delegati f'konformità mal-Artikolu 45, miżuri biex temenda l-Annessi.	

Or. en

Emenda 64

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Sa ... [3 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ESMA, tippubblika rapport li jqis jekk il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament huwiex biżżejjed biex tiġi żgurata l-fiduċja fis-suq u jintlaħqu l-objettivi tiegħu, inkluż il-ħtieġa li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tal-fornituri tad-data ESG. Ir-rapport jista' jiġi

akkumpanjat, jekk xieraq, minn proposta leġiżlattiva.

Sa ... [3 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar il-funzjonament tas-suq tal-klassifikazzjoni ESG, inkluż jekk il-prinċipji ġenerali tiegħu, fosthom il-prinċipju tan-nuqqas ta' interferenza msemmi fl-Artikolu 26, ikkontribwixxewx biżżejjed biex jitjiebu l-kwalità u l-affidabbiltà tal-klassifikazzjonijiet ESG u naqqsux l-użu ta' klassifikazzjonijiet ESG qarrieqa. Il-Kummissjoni għandha tqis ukoll il-ħtieġa li jiġu stabbiliti f'dan ir-Regolament rekwiżiti minimi rigward il-kontenut tal-klassifikazzjonijiet ESG u l-metodoloġiji tagħhom. Ir-rapport jista' jiġi akkumpanjat, jekk xieraq, minn proposta leġiżlattiva.

Or. en

Emenda 65

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-istruttura tas-sjieda tal-applikant;	(d) l-istruttura tas-sjieda tal-applikant ***fil-livell ta' grupp***;

Or. en

Emenda 66

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) l-identità tal-entitajiet fi ħdan l-istruttura tas-sjieda li jipprovdu l-attivitajiet tal-klassifikazzjonijiet ESG

elenkati fl-Artikolu 15(1) jew kwalunkwe servizz ieħor li joħloq riskji ta' kunflitti ta' interess fi ħdan l-attivitajiet ta' klassifikazzjonijiet ESG li jridu jiġu pprovduti mill-applikant;

Or. en

Emenda 67

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) l-għadd ta' analisti, impjegati u persuni oħrajn direttament involuti fl-attivitajiet ta' valutazzjoni, u l-livell ta' esperjenza u taħriġ tagħhom bħala ħaddiema tal-applikant u l-livell ta' esperjenza u taħriġ tagħhom;	(f) l-għadd ta' analisti, impjegati u persuni oħrajn direttament involuti fl-attivitajiet ta' valutazzjoni ***bl-għan li jipprovdu klassifikazzjonijiet ESG***, u l-livell ta' esperjenza u taħriġ tagħhom bħala ħaddiema tal-applikant u l-livell ta' esperjenza u taħriġ tagħhom;

Or. en

Emenda 68

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) l-għadd ta' entitajiet, prodotti finanzjarji u strumenti li għalihom l-applikant se jipprovdi klassifikazzjonijiet ESG;

Or. en

Emenda 69

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) l-informazzjoni dwar jekk u kif il-metodoloġiji jitqisux ibbażati fuq evidenza xjentifika, inkluż rakkomandazzjonijiet tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) u l-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima;

Or. en

Emenda 70

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 1 – punt gb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(gb) deskrizzjoni tal-proċessi tad-data (sorsi tad-data, stima tad-data tal-input f'każ ta' nuqqas ta' disponibbiltà, frekwenza tal-aġġornamenti tad-data, kontrolli tal-kwalità tad-data);

Or. en

Emenda 71

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 1 – punt ja (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ja) informazzjoni ġenerali dwar il-kriterji li jridu jintużaw għall-istabbiliment tat-tariffi għall-klijenti, li tispeċifika d-diversi elementi kkunsidrati, bħall-involviment tal-analisti tad-data, it-tagħmir tal-IT, ix-xiri tad-data;

Or. en

Emenda 72

Proposta għal regolament
Anness II – Parti 1 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) għal kull klassifikazzjoni ESG ***fil-forma ta' opinjoni,*** l-identità tal-analisti tal-klassifikazzjoni li jipparteċipaw fid-determinazzjoni tal-klassifikazzjoni ESG, l-identità tal-persuni li approvaw il-klassifikazzjoni ESG, informazzjoni dwar jekk il-klassifikazzjoni ESG kinitx mitluba jew mhux mitluba, u d-data li fiha ttieħdet l-azzjoni ta' klassifikazzjoni ESG;	(a) għal kull klassifikazzjoni ESG***, fejn applikabbli:***
	(1) l-identità tal-analisti tal-klassifikazzjoni li jipparteċipaw fid-determinazzjoni tal-klassifikazzjoni ESG, l-identità tal-persuni li approvaw il-klassifikazzjoni ESG, informazzjoni dwar jekk il-klassifikazzjoni ESG kinitx mitluba jew mhux mitluba, u d-data li fiha ttieħdet l-azzjoni ta' klassifikazzjoni ESG;
	(2) l-identità tal-persuni responsabbli għall-iżvilupp tal-metodoloġija bbażata fuq ir-regoli, u l-identità tal-persuni li jkunu approvaw il-metodoloġija tal-klassifikazzjoni;

Or. en

Emenda 73

Proposta għal regolament
Anness II – Parti 1 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) għal kull klassifikazzjoni ESG fil-forma ta' punteġġ, l-identità tal-persuni responsabbli għall-iżvilupp tal-metodoloġija bbażata fuq ir-regoli, u l-identità tal-persuni li jkunu approvaw il-metodoloġija tal-klassifikazzjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 74

Proposta għal regolament
Anness III – Parti 1 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ħarsa ġenerali lejn il-metodoloġiji tal-klassifikazzjoni użati (u l-bidliet fihom), inkluż jekk l-analiżi tħarisx lura jew tħares ’il quddiem;	(a) ħarsa ġenerali lejn il-metodoloġiji tal-klassifikazzjoni użati (u l-bidliet fihom), inkluż jekk l-analiżi tħarisx lura jew tħares ’il quddiem ***u l-perjodu ta’ żmien kopert***;

Or. en

Emenda 75

Proposta għal regolament
Anness III – Parti 1 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ħarsa ġenerali lejn il-proċessi tad-data ***(sorsi*** tad-data, inkluż jekk humiex ***pubbliċi jew mhux pubbliċi, u jekk jinkisbux minn dikjarazzjonijiet ta’ sostenibbiltà meħtieġa mid-Direttiva (UE) 2022/2464,*** stima tad-data tal-input f’każ ta’ nuqqas ta’ disponibbiltà, frekwenza tal-aġġornamenti tad-data***)***;	(b) ***sorsi tad-data inkluż jekk id-data nkisbitx minn divulgazzjoni tal-informazzjoni skont id-Direttiva 2022/2464 u r-Regolament (UE) 2019/2088, u jekk is-sorsi humiex pubbliċi jew mhux pubbliċi u*** ħarsa ġenerali lejn il-proċessi tad-data ***b’sorsi*** tad-data, inkluż jekk humiex stima tad-data tal-input f’każ ta’ nuqqas ta’ disponibbiltà, frekwenza tal-aġġornamenti tad-data;

Or. en

Emenda 76

Proposta għal regolament
Anness III – Parti 1 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) informazzjoni dwar ***jekk u*** kif il-metodoloġiji huma bbażati fuq evidenza xjentifika;	(c) informazzjoni dwar kif il-metodoloġiji huma bbażati fuq evidenza xjentifika;

Or. en

Emenda 77

Proposta għal regolament
Anness III – Parti 1 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) informazzjoni dwar l-objettiv tal-klassifikazzjonijiet, li timmarka b'mod ċar jekk il-klassifikazzjoni hijiex qed tivvaluta ***r-riskji, l-impatti*** jew xi dimensjonijiet oħra;	(d) informazzjoni dwar l-objettiv tal-klassifikazzjonijiet, li timmarka b'mod ċar jekk il-klassifikazzjoni hijiex qed tivvaluta ***l-materjalità tal-impatt, il-materjalità finanzjarja*** jew xi dimensjonijiet oħra ***u, fejn il-klassifikazzjoni ESG tivvaluta biss il-materjalità finanzjarja, twissija ċara dwar il-limitazzjonijiet tal-metodoloġija u l-konklużjonijiet li jistgħu jinsiltu minn dik il-klassifikazzjoni***;

Or. en

Emenda 78

Proposta għal regolament
Anness III – Parti 1 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-ambitu tal-klassifikazzjoni – jiġifieri, ***hija klassifikazzjoni aggregata (li taggrega l-fatturi E u S u G), jew klassifikazzjoni ta' fatturi individwali jew*** kwistjonijiet speċifiċi (eż. riskji ta' tranżizzjoni);	(e) l-ambitu tal-klassifikazzjoni – jiġifieri, ***tkoprix fattur speċifiku (E, S, jew G), jew tkoprix*** kwistjonijiet speċifiċi (eż. riskji ta' tranżizzjoni);

Or. en

Emenda 79

Proposta għal regolament
Anness III – Parti 1 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) fil-każ ta' klassifikazzjoni ESG aggregata, il-ponderazzjoni tat-tliet kategoriji ġenerali tal-fatturi ESG (eż. 33 % Ambjent, 33 % Soċjali, 33 % Governanza), u l-ispjegazzjoni tal-metodu ta' ponderazzjoni, inkluż il-piż għal kull fattur E, S u G individwali;	***imħassar***

Or. en

Emenda 80

Proposta għal regolament
Anness III – Parti 1 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) informazzjoni dwar jekk il-klassifikazzjoni hijiex espressa f'valuri assoluti jew relattivi,	(h) informazzjoni dwar jekk il-klassifikazzjoni hijiex espressa f'valuri assoluti jew relattivi, ***u, jekk il-klassifikazzjoni ESG hijiex espressa f'valur relattiv, twissija ċara dwar il-limitazzjonijiet tal-metodoloġija u l-konklużjonijiet li jistgħu jinsiltu minn dik il-klassifikazzjoni;***

Or. en

Emenda 81

Proposta għal regolament
Anness III – Parti 1 – paragrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) Fejn applikabbli, referenza għall-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali (IA) fil-	(i) Fejn applikabbli, referenza għall-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali (IA) fil-

proċess tal-ġbir tad-data jew tal-klassifikazzjoni/tal-punteġġ;	proċess tal-ġbir tad-data jew tal-klassifikazzjoni/tal-punteġġ***, inkluż informazzjoni dwar limitazzjonijiet jew riskji attwali ta' dawk l-għodod***;

Or. en

Emenda 82

Proposta għal regolament
Anness III – Parti 1 – paragrafu 1 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(k) kwalunkwe limitazzjoni ***fis-sorsi tad-data użati*** għall-kostruzzjoni tal-klassifikazzjonijiet ESG**.**	(k) ***is-sorsi tad-data użati u*** kwalunkwe limitazzjoni ***fir-rigward tagħhom*** għall-kostruzzjoni tal-klassifikazzjonijiet ESG***;***

Or. en

Emenda 83

Proposta għal regolament
Anness III – Parti 1 – paragrafu 1 – punt ka (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ka) f'dettall suffiċjenti li jqis in-natura ta' kwalunkwe kunflitt ta' interess li jista' jirriżulta, in-natura ġenerali jew is-sorsi tal-kunflitti ta' interess u l-passi meħuda għall-mitigazzjoni ta' dawk ir-riskji;

Or. en

Emenda 84

Proposta għal regolament
Anness III – Parti 1 – paragrafu 1 – punt kb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(kb) fejn il-klassifikazzjoni ESG tinkludi KPIs li jkopru l-fattur E, informazzjoni dwar jekk dik il-klassifikazzjoni tqisx l-allinjament tal-mudell tan-negozju u tal-istrateġija tal-kumpanija mal-objettivi tat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli u mal-limitazzjoni tat-tisħin globali, f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi skont l-aħħar rakkomandazzjonijiet tal-IPCC u tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima;

Or. en

Emenda 85

Proposta għal regolament
Anness III – Parti 1 – paragrafu 1 – punt kc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(kc) fejn il-klassifikazzjoni ESG tkopri l-fattur S, informazzjoni dwar jekk dik il-klassifikazzjoni tqisx il-konformità tal-entità kklassifikata mal-konvenzjonijiet kruċjali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar id-Dritt ta' Organizzazzjoni u tal-Innegozjar Kollettiv kif ukoll il-konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti dwar id-diliġenza dovuta;

Or. en

Emenda 86

Proposta għal regolament
Anness III – Parti 1 – paragrafu 1 – punt kd (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(kd) fejn il-klassifikazzjoni ESG tkopri l-fattur G, jekk l-entità kklassifikata tikkonformax mal-istandard internazzjonali dwar l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa u jekk il-kriterji ta' remunerazzjoni għall-maniġment jallinjawx mal-istrateġija ta' sostenibbiltà tal-entità;

Or. en

Emenda 87

Proposta għal regolament
Anness III – Parti 1 – paragrafu 1 – punt ke (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ke) kwalunkwe limitazzjoni dwar l-informazzjoni disponibbli lill-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG.

Or. en

Emenda 88

Proposta għal regolament
Anness III – Parti 2 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Minbarra l-elementi msemmija fl-Artikolu ***22*** tar-Regolament, il-fornituri tal-klassifikazzjoni ESG għandhom jagħmlu disponibbli l-informazzjoni li ġejja lill-impriżi finanzjarji regolati Ewropej ***u lill-impriżi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2013/34/UE li huma soġġetti għal tali klassifikazzjoni***:	Minbarra l-elementi msemmija fl-Artikolu ***21*** tar-Regolament, il-fornituri tal-klassifikazzjoni ESG ***u, fejn rilevanti, l-abbonati ta' klassifikazzjonijiet ESG*** għandhom jagħmlu disponibbli l-informazzjoni li ġejja lill-impriżi finanzjarji regolati Ewropej:

Or. en

Emenda 89

Proposta għal regolament
Anness III – Parti 2 – paragrafu 1 – punt a – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) jekk l-analiżi tħares lura jew tħares ’il quddiem,	(2) jekk l-analiżi tħares lura jew tħares ’il quddiem ***u l-perjodu ta’ żmien kopert***,

Or. en

Emenda 90

Proposta għal regolament
Anness III – Parti 2 – paragrafu 1 – punt a – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) liema metriċi ntgħażlu bħala rilevanti,	***imħassar***

Or. en

Emenda 91

Proposta għal regolament
Anness III – Parti 2 – paragrafu 1 – punt a – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) il-KPIs rilevanti ***għal kull fattur E, S u G***, u l-metodu ta’ ponderazzjoni,	(4) il-KPIs rilevanti, u l-metodu ta’ ponderazzjoni,

Or. en

Emenda 92

Proposta għal regolament
Anness III – Parti 2 – paragrafu 1 – punt a – punt 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) fejn il-klassifikazzjoni ESG tinkludi l-KPIs li jkopru l-fattur E, il-punt sa fejn il-klassifikazzjoni ESG hija korrelatata mal-perċentwal ta' allinjament mat-tassonomija skont ir-Regolament (UE) 2020/852, flimkien ma' spjegazzjoni ta' kwalunkwe devjazzjoni sinifikanti minnha,

Or. en

Emenda 93

Proposta għal regolament
Anness III – Parti 2 – paragrafu 1 – punt b – punt 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) jekk id-data użata kinitx soġġetta għal rieżami tal-assigurazzjoni,

Or. en

Emenda 94

Proposta għal regolament
Anness III – Parti 2 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) il-ħin tal-ġbir tad-data tas-sors;

Or. en

Emenda 95

Proposta għal regolament
Anness III – Parti 2 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***fejn applikabbli,*** informazzjoni dwar l-involviment ma' entitajiet ikklassifikati;	(c) informazzjoni dwar l-involviment ma' entitajiet ikklassifikati ***inkluż jekk twettqux rieżamijiet jew spezzjonijiet fuq il-post mill-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG u kemm spiss***;

Or. en

Emenda 96

Proposta għal regolament
Anness III – Parti 2 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) dikjarazzjoni dwar il-limitazzjonijiet tal-klassifikazzjonijiet, inkluż informazzjoni dwar l-involviment mad-diversi partijiet ikkonċernati ta' entità kklassifikata u kif l-informazzjoni kontradittorja, mhux kompluta jew soġġettiva tiġi mmaniġġjata;

Or. en

Emenda 97

Proposta għal regolament
Anness III – Parti 2 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-informazzjoni msemmija fil-Parti 2 ta' dan l-Anness għandha tkun speċifika għal kull klassifikazzjoni ESG imqassma.

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

Id-dibattitu dwar il-klassifikazzjonijiet ESG (Ambjentali, Soċjali, ta' Governanza) u l-eċċessi tagħhom ifakkarna fil-ħtieġa li jiġi implimentat qafas ċar u tajjeb għall-kriterji ESG u l-forniturі tagħhom, sabiex dawn isiru għodda utli biex idawru l-investiment lejn kumpaniji u proġetti iktar sostenibbli.

F'dan ir-rigward, il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għar-regolamentazzjoni tal-forniturі ta' klassifikazzjonijiet ESG għalhekk hija f'waqtha. Din għandha l-għan li tintroduċi sett ta' regoli komuni għal dawn l-atturi essenzjali fl-investiment responsabbli.

Il-missjoni primarja tal-valutazzjoni ESG hija li tipprovdi lill-investituri informazzjoni dwar il-prestazzjoni ekstrafinanzjarja ta' kumpanija fil-kwistjonijiet ambjentali, soċjali u ta' governanza. Illum il-ġurnata, il-maġġoranza ta' din il-missjoni tikkonsisti mill-valutazzjoni tar-riskji u tal-opportunitajiet relatati mat-trasformazzjonijiet ambjentali u soċjali, b'mod partikolari dwar il-kontijiet tal-kumpanija. Din insejħulha materjalità finanzjarja. Madankollu, approċċ bħal dan jinjora għalkollox l-impatt tal-attivitajiet tal-kumpanija fuq l-ambjent u s-soċjetà: il-materjalità tal-impatt. Dawk iż-żewġ approċċi jwasslu għal metodoloġiji differenti u, ipso facto, għal riżultati differenti meta tiġi vvalutata l-prestazzjoni ta' kumpanija.

Barra minn hekk, l-inizjattiva tal-Prinċipji għall-Investiment Responsabbli tan-NU kisbet appoġġ minn iżjed minn 3 000 firmatarju li jirrappreżentaw assi mmaniġġjati ta' iżjed minn EUR 100 triljun. Din l-adozzjoni mifruxa tippreżenta r-riskju ta' bejgħ inadatt u greenwashing jekk id-data ESG ma jkollhiex kriterji standardizzati u armonizzati. Għalhekk, huwa kruċjali li tiġi żgurata informazzjoni ESG preċiża u affidabbli.

Filwaqt li r-Rapporteur tiegħek iżżomm il-klawżola ta' nuqqas ta' interferenza ssuġġerita mill-Kummissjoni fir-rigward tal-metodoloġiji użati minn aġenziji ta' klassifikazzjoni, jenħtieġ li r-rekwiżiti ta' divulgazzjoni fir-Regolament ikunu iktar stretti u struttivi. Jenħtieġ li jkun dejjem ċar liema tipi ta' materjalità jiġu meqjusa u jekk il-klassifikazzjoni tirreferix għal prestazzjoni assoluta jew relattiva. Jenħtieġ li l-forniturі ta' klassifikazzjonijiet joqogħdu lura milli jaggregaw il-punteġġi E, S u G, għaliex dan jista' jaħbi l-prestazzjoni ħażina fuq kwalunkwe minn dawn il-metriċi individwali. Għal kull waħda minn dawn il-metriċi, qed jiġu proposti ċerti rekwiżiti ta' divulgazzjoni minimi ta' livell għoli b'referenza għal regoli u standards internazzjonali rilevanti. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-forniturі ta' klassifikazzjonijiet jikkomunikaw b'mod ċar dwar il-limitazzjonijiet li jistgħu jkollhom il-klassifikazzjonijiet tagħhom.

Huwa essenzjali li titħeġġeġ il-kompetizzjoni fost il-forniturі ta' klassifikazzjonijiet ESG u li jitrawwem ambjent fejn forniturі ta' klassifikazzjonijiet iżgħar ikunu jistgħu jidħlu fis-suq. Il-konsolidazzjoni fi ħdan l-industrija tista' twassal għal prezzijiet ogħla, ostakli għad-dħul, inqas kompetizzjoni, innovazzjoni limitata, inqas diversità ġeografika fost il-forniturі, u kopertura inadatta ta' emittenti iżgħar. Jenħtieġ li l-entitajiet li jfittxu diversi klassifikazzjonijiet jagħtu prijorità lil mill-inqas fornitur wieħed b'sehem mis-suq ta' inqas minn 5 % biex jiġu żgurati d-diversità u l-kompetittività fis-suq.
Barra minn hekk, ir-Rapporteur tfittex li ssaħħaħ id-dispożizzjonijiet dwar l-evitar ta' kunflitti ta' interess u l-awtorizzazzjoni u l-użu ta' klassifikazzjonijiet minn pajjiżi terzi.

Bosta inizjattivi leġiżlattivi sinifikanti, inkluż ir-Regolament dwar id-Divulgazzjoni tal-Finanzi Sostenibbli, ir-Regolament dwar it-Tassonomija u d-Direttiva dwar ir-Rapportar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà, ġew introdotti biex jitjiebu d-disponibbiltà, il-kwalità u l-konsistenza tar-rekwiżiti ESG tul il-katina tal-valur tas-suq finanzjarju. Dawn l-inizjattivi pubbliċi naqqsu l-lakuni fid-disponibbiltà u l-komparabbiltà tad-data. Jenħtieġ li l-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG jinkorporaw b'mod attiv din id-data standardizzata fil-valutazzjonijiet tagħhom.

Fl-eżerċizzju tal-evalwazzjoni tal-profili ESG tal-kumpaniji u biex jittieħdu deċiżjonijiet ta' investiment u finanzjament sostenibbli, diversi istituzzjonijiet finanzjarji bħal istituzzjonijiet ta' kreditu, ditti tal-investiment, impriżi tal-assigurazzjoni, impriżi tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja u impriżi tar-riassigurazzjoni jiddependu kemm fuq klassifikazzjonijiet ESG esterni kif ukoll fuq prodotti tad-data ESG esterni. Madankollu, huwa kruċjali li jiġi nnotat li l-istituzzjonijiet finanzjarji huma responsabbli fil-każ ta' akkużi ta' greenwashing relatati mal-prodotti finanzjarji tagħhom. Min-naħa l-oħra, id-distribuzzjoni ta' informazzjoni ESG mal-entitajiet jew mal-prodotti finanzjarji kollha, li tiddependi fuq metodoloġija proprjetarja jew stabbilita, inkluż settijiet ta' data li jkopru l-emissjonijiet u l-kontroversji, ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta għal regolament.

Kwistjoni ewlenija oħra, rikonoxxuta mill-Kummissjoni Ewropea nnifisha, hija li s-suq tal-klassifikazzjonijiet ESG bħalissa qed ibati minn nuqqas ta' trasparenza, fejn xi kumpaniji jipproduċu evalwazzjonijiet utli u affidabbli, filwaqt li oħrajn jibqgħu vagi u saħansitra qarrieqa. Għal din ir-raġuni, jeħtieġ li ntejbu l-affidabbiltà u t-trasparenza tal-attivitajiet ta' klassifikazzjonijiet ESG.

Jeħtieġ ukoll li nikkjarifikaw l-objettivi tal-fornituri ta' klassifikazzjonijiet. L-analisti ESG ħafna drabi jillimitaw ruħhom għall-evalwazzjoni tal-materjalità finanzjarja. Madankollu evalwazzjoni kompluta u rilevanti ma tistax ma tanalizzax il-konsegwenzi tal-attività tal-kumpanija fuq il-bqija tas-soċjetà.

Fil-qosor, dawn l-elementi jenfasizzaw l-importanza tar-regolamentazzjoni tal-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG u jippromwovu t-trasparenza, l-affidabbiltà u l-kompetizzjoni fl-industrija. Dawn il-bidliet jistgħu jidhru tekniċi iżda fil-fatt huma assolutament essenzjali jekk irridu li l-kriterji ESG fl-aħħar jintużaw sew u jkunu utli għal kulħadd: għodda importanti, iżda mhux biżżejjed waħedha, għat-tranżizzjoni ekoloġija u l-Patt Ekoloġiku Ewropew.